TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 173/17-F

**John u Andreana Sultana**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' disgħa u tletin ewro, u disgħin ċenteżmi (€39.90), rappreżentanti prezz ta' *hand blender* ta' l-*istainless steel* b'sentejn garanzija u li wara ftit ħarġilha s-sadid.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *hand blender* mingħand id-ditta ntimata, li kellha garanzija ta' sentejn u wara xi żmien beda ħiereġ is-sadid.

L-intimat issottometta illi ġara hekk għaliex il-*blender* ma tnaddafx sew u li fil-fatt ix-xfafar beda joħorġilhom il-*corrosion* għax ma tnaddfux sew.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-*istainless steel* għandu ċerta elementi ġo fih illi jiġġieled is-sadid, jitnaddaf jew ma jitnaddafx, u għaldaqstant qiegħed jagħti raġun lir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tletin ewro (€30) lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, u b'dan illi l-*hand blender* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**